**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Dicembru 2019**

**Rikors Numru : 41/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**JM**

**Vs**

**TM**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JM datat 10 ta' Gunju 2019 a fol 19B, li jaqra hekk:

1. *Illi din hija kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet.*

2. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto iktar minn sena u ma hemmx prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom.*

3. *Illi l-esponenti jixieq jitlob li l-komunjoni tal-akkwisti tigi terminata pendente lite.*

4. *Illi l-ebda wiehed u wahda mill-partijiet ma huwa ser ibati xi pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel ma tinghata s-sentenza tal-firda.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kodici Civili prevja ovvjament riserva tad-drittijiet tal-partijiet rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti sal-mument tat-terminazzjoni taghha.*

Rat li r-rikors gie debitament notifikat;

Rat ir-risposta ta' TM, datata 8 ta' Novembru 2019, a fol 68, li taqra hekk:

> *Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn sena.*
>
> *Illi nonostante cio hija ghada tipprospetta illi l-partijiet jesploraw ftehim amikevoli sabiex jigu evitati proceduri inutli.*
>
> *Illi hija taqbel illi ghandha tigi itterminata il-komunjoni tal-akkwisti pendente lite ai termini 55 tal-Kap 16 b'dana illi izzomm ferm ir-raba' eccezzjoni taghha fis-sens illi l-attur ghandu jigi kkundannat jitlef nofs l-akkwisti illi saru waqt iz-zwieg, liema akkwisti ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dana mid-data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala id-data li fiha l-attur ikun ta' lok li ssir din is-separazzjoni personali.*
>
> *Daqstant ghandha x'tissottometti l-konvenuta*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza wara talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti maghmula mill-attur ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> ***"Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawżata' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Ir-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> ***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti***

> ***għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> **"*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui nega.*"**

Il-Qorti rat illi fir-risposta taghha l-konvenuta m'oggezzjonatx ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti kif mitlub mill-attur. Fic-cirkostanzi, l-Qorti tqis ghalhekk illi t-talba tal-attur ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna li din l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tkun komunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attur.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**